MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1167/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**D.A.O. Limited (C9149)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,185.22c) rapprezentanti servizzi tat-telefon bin-numri 21820769 u 21805105.

Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, il-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,185.22c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------